**285. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin l-Onor. Guido de Marco jippropona li:**

Wara li din il-Kamra b'Att Nru. XII tal-1993 awtorizzat ir-ratifika tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar;

Wara li Malta rratifikat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fl-20 ta' Mejju 1993;

Wara li fid-29 ta' Lulju 1994, Malta, flimkien ma' għadd ta' pajjiżi oħra, iffirmat "il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Parti Ħdax (XI) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar";

Wara li rat l-artikoli 3 (1) (c) (2) (b) tal-Att dwar ir-Ratifika tat-Trattati;

Tirriżolvi billi tgħaddi għar-ratifika "il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Parti Ħdax (XI) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar".

20.05.1996